# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 11 ta' April 2017**

**Ċitazzjoni Numru: 241/1996 PC**

**Carmelo Vella u Mary**
**mart l-istess Carmelo Vella**

**vs**

**Rev. Monsinjur Dun Gregorio Vella li b'digriet tal-20 ta' Frar 1996 ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsifrin Carmelo sive Charlie Vella, Anthony Vella, Victoria mart Edward Gili, Joseph Vella, u Mary mart Carmelo Mercieca, u b'digriet tad-19 ta' Frar 2013, Anthony Vella, Victor Gili, Joseph Vella u Mary Mercieca qed jiġu rappreżentati minn Dr. Josianne Mifsud, u b'digriet tat-30 ta' April 2013, Anthony Vella, Victor Gili u Joseph Vella qed jiġu rappreżentati minn Dr. Georgine Schembri u Charles Vella minn Joseph Grima, u b'digriet tal-11 ta' Gunju 2013, Mary Mercieca qed tiġi rappreżentata minn Angela Mercieca.**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi għal diversi snin u mill-inqas matul l-aħħar ħmistax-il (15) sena sa ma miet Lorenzo Vella li jiġi missier il-konvenuti, fil-erbgħa (4) ta' Novembru elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995), l-attur rrendew lill-istess Lorenzo Vella serviġi, kuri, u assistenzi, liema serviġi u kuri u assistenzi ġew resi fuq talba tal-istess Lorenzo Vella li għas-snin imsemmija kien jgħix

waħdu billi wliedu u ċioe' l-konvenuti kollha jinsabu msifrin u jgħixu fl-esteru;

Illi sabiex jipprestaw dawn is-serviġi l-atturi u partikolarment l-attriċi Mary Vella kellhom jidħlu f'ħafna skomodu u strapazz u sagrifiċċju kemm għalihom personali u kemm għalmembri tal-familja tagħhom;

Illi dawn is-serviġi, kuri u assistenzi kienu ta' entita' u natura tali li għandhom jiġu retribwiti;

Illi ta' dawn is-servizzi, kuri, u assistenzi l-atturi baqgħu ma ġewx ikkumpensati minkejja li kien hemm il-wegħda tal-kumpens da parti tal-istess Lorenzo Vella;

Illi għalkemm il-konvenuti ġew interpellati mill-atturi sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tas-serviġi l-konvenuti baqgħu inadempjenti.

Talbu lill-konvenut nomine jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tillikwida l-ammont ta' kumpens ġust dovut lill-atturi in liena ta' serviġi, kuri u assistenzi resi lil Lorenzo Vella, missier il-konvenuti;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi l-ammont ta' kumpens hekk likwidat.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' ittra interpellatroja tat-13 ta' Frar 1996 kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi debitament ikkonfermata minn Mary Vella.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li eċċepixxa illi:

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni a bażi tal-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili;

2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress illi l-atturi ġew ampjament ikkumpensati għas-servizzi kollha li setgħu rrendew lil Lorenzo Vella;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.
Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' April 1997 fejn innominat lill-Avukat Dottor Chris Said sabiex jieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Ġunju 2002 fejn issostitwiet lill-Avukat Dottor Giorgina Scicluna Bajada minflok l-Avukat Said bħala perit legali.

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Ġunju 2007 fejn irrevokat l-inkarigu tal-Avukat Dottor Scicluna Bajada.

Rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 721/1996 fl-istess ismijiet, allegati mal-atti ta' din il-kawża.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tad-difensuri tal-partiijiet.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u dokumenti oħra esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża dwar kumpens li l-atturi qegħdin jitolbu għal diversi serviġi li jgħidu li taw fuq firxa ta' snin lil ċertu Lawrence Vella, u li tagħhom jallegaw li baqgħu ma tħallsux.

Il-konvenut nomine eċċepixxa preliminarjament il-preskrizzjoni a tenur tal-artiklu 2156 tal-Kodiċi Ċivili. Imma dan l-artikolu dakinhar kien isemmi sitt azzjonijiet differenti li dwarhom tista' tiġi eċċepita l-preskrizzjoni ta' ħames snin, u kif intqal mill-Qorti tal-Appell Inferjuri:

*"Hi ligi li l-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti nteressata (artikolu 2111 Kap.16). Li jfisser li l-Qorti ma ghandheix toqghod tfittex biex tara jekk għal kaz hix applikabbli xi preskrzzjoni partikolari li ma tkunx giet nidikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha.*[1]

Din l-eċċezzjoni sejra tiġi għalhekk miċħuda.

Dwar id-dritt ta' kumpens għas-serviġi, ingħad illi:

"*….in tema legali l-gurisprudenza taghna hija konkordi fil-principju li fil-kaz ta' servigi jista' jkun dovut kumpens anki jekk ma jkunx pattwit ,meta mill-konkors tac-cirkostanzi jidher li l-hlas hu dovut. Gie kemm il-darba ritenut li l-presunzjoni gratwita m'għandhiex tkun prezunta, u l-intenzjoni li wiehed*

[1] Ara kolloz. Vol.XXXIII.p.1 p. 481, u Francis Bugeja noe. vs Indira Mercieca: Appell 29.05.2000, ċitata favorevolment fil-kawża Maltacom plc vs Paul Piscopo: 5.07.2006

*jirregala s-servigi tieghu u jirrinunzja ghall-kumpens m'ghandhiex tigi facilment akkolta. Hekk kwalunkwe servigju jigi ritenut prestat bi speranza ta' kumpens. Dan ghandu japplika b'mod specjali fil-kaz ta' servigi hekk imsejjha di bassa lega, bhal ma huma l-hasil tal-hwejjeg mahmuga u l-facendi tad-dar…"*[2]

Dwar il-mod kif kellu jiġi likwidat dan il-kumpens, ġie spjegat illi:

*"Ghall-finijiet tal-quantum tas-servigi, wiehed ghandu jzomm f'mohhu (i) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi; (ii) il-mezzi tal-konvenuta li bbenefikat mill-prestazzjonijiet u (iii) il-parentela ta' l-atturi mal-konvenuta. Konsiderazzjonijiet ohra li gieli gew konsidrati mill-Qorti taghna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess sahtu biex jaqdi lill-haddiehor, jekk humiex affarijiet li mhux kulhadd kapaci jidhol ghalihom, bhal meta l-qaddej idur bil-persuna tal-moqdi (ez. hasil), u jekk il-qaddej jinkorrix spejjez li taghhom ma jkunx gie rimborsat fil-mument tal-hrug taghhom.*

*Bhala regola generali, l-kumpens moghti jkun ftit jew wisq imqaddes, meta l-beneficcjarja tkun marida, jew mhux mobbli, b'mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa.*

*Minn studju tal-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke ghaliex it-talba ghall-hlas ta' servigi hi bbazata fuq kwazi-kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn min jirrendi s-servigi u l-beneficcjarju, u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi rezi u l-hlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xoghol li sar, izda adegwat mehud kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz."* [3]

Fil-każ in eżami m'hemmx kontestazzjoni li l-atturi, u partikolarment l-attriċi, rrendew xi serviġi matul firxa ta' kważi ħmistax il-sena, minn meta  Lorenzo Vella romol sa prattikament meta spiċċa l-isptar waqt l-aħħar marda tiegħu qabel miet. It-tfal tiegħu kienu u għadhom jgħixu fl-esteru, u minn meta mietet ommhom ftit li xejn żaru lill-missierhom f'dawn il-gżejjer. Fil-każ tal-attriċi, dawn is-serviġi  kienu jikkonsistu l-biċċa l-kbira fil-faċendi tad-dar u ħasil ta' ħwejjeġ tiegħu, filwaqt li żewġha kien joħodlu ħsieb xi manutenzjoni li kienet teħtieġ minn żmien għall-ieħor id-dar żgħira fejn kien jirrisjedi fir-Rabat. L-attriċi kienet ukoll xi kull tant iżżommlu l-kumpanija fid-dar tiegħu, u fi tmien il-ġimgħa hi

---

[2] Balzan vs Degiorgio et.23.2.1959 vol. XLIII.II. 649; Axiaq vs Mifsud et. 9.1.1952 vol.XXXVI.III.588; Giusepppa Spiteri vs Henry Micallef: Qorti t'Għawdex: 5.3.1974

[3] Prim'Awla: Anthony Catania pro et noe. et. vs Maria Agius: 11.12.2003

u żewġha ġieli ħarġuh dawra bil-karozza. Ta' dawn is-serviġi l-atturi jinsistu li qatt ma tħallsu xejn. Il-konvenut nomine eċċepixxa pero' li ta' dak li setgħu għamlu l-atturi ġew ampjament ikkumpensati.

Hawnhekk għandna għalhekk żewġ posizzjonijiet dijametrikament opposti dwar jekk l-atturi ġewx adegwatament ikkumpensati jew le ta' dak li għamlu ma' Lorenzo Vella. F'dan ir-rigward ingħad:

*"…mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddecidi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha… Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant … Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*[4]

Din il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti, tinsab moralment konvinta li huwa minnu li l-atturi ġew adegwatament ikkumpensati ta' dak kollu li għamlu mal-mejjet Lorenzo Vella, u dan għal diversi raġunijet li ser jiġu elenkati hawn taħt:

1. L-ewwel u qabel xejn hemm **id-dikjarazzjoni ffirmata minn Lorenzo Vella** meta kien rikoverat l-isptar waqt l-aħħar marda tiegħu. Kopja ta' din id-dikjarazzjoni ġiet prodotta minn ħuh il-**Monsinjur Gregorio Vella** waqt id-deposizzjoni tiegħu, u jgħid li kien ippreparaha hu għax kien preokkupat li, wara l-mewt ta' Lorenzo, setgħu jinqalgħu xi pretensjonijiet dwar ħlas ta' serviġi resi minn terzi, u partikolarment mill-atturi. Din id-dikjarazzjoni datata s-16 ta' Ottubru 1995, u ċioe' inqas minn tliet ġimgħat qabel il-mewt ta' Lorenzo Vella, u ffirmata minnu, taqra hekk:

*"Din il-Kitba hija xhieda li isservi lil min hu koncernat.*

*Illum 16 ta' Ottubru 1995 jiena Lorenzo Vella li noqgħod No.8 Triq Santa Maria, Victoria, Għawdex, nistqarr illi jiena ma għandi ngħati xejn lil Hadd u*

[4] Prim.Awla, Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia: 24.11.1966; ara wkoll Appell Inferjuri: Joseph Borg et vs Joseph Bartolo: 25.06.1980; Appell Kumm. Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino:25.02.1952; Appell Ċivili: Paul Vassallo vs Carmelo Pace: 5.03.1986; Appell Ċivili: Saviour Cremona et vs Anthony Cassar et. : 23.09.2009

*anqas lil Mary Vella mart Carmelo minn Victoria għaliex tal-facendi li kienet tagħmilli jiena kont inhallasha kull darba.*

*(ft.) L Vella 16 – 10 – 95"*[5]

Fl-ebda stadju tal-proċeduri ma ntefa' xi dubbju mill-awtentiċita' ta' din id-dikjarazzjoni jew il-firma ta' Lorenzo Vella fuqha.

2. Ulied Lorenzo Vella, sostnew li fit-telefonati li kien ikollhom ma' missierhom, dan kien iserħilhom moħħom li huwa kien jikkumpensa sew li kull min kien jaqdih. **Carmelo Vella** stqarr li: *"My father was a very generous person and on several occasions when I spoke to him on the telephone he said he paid the Plaintiff Mary Vella very well for any work she did for him. He also paid for the Plaintiff's daughter's wedding and also bought the Plaintiff a car. He also paid the Plaintiff Carmelo for any work he carried out for my father."*[6]

Ħutu **Victoria Gili** u **Joseph Vella** għamlu affidavit fl-istess sens.[7] In kontro-eżami Victoria Gili reġgħet ikkonfermat li: *"… my dad said he bought Maria, he did not mention Carmelo, he said he bought Maria a car so when they go to Marsalforn he can tell him if they, if he can have a lift to go to Marsalforn, because he was not using the cart and donkey anymore…"* [8]

Mistoqsija kif taf dwar x'sar fir-rigward tat-tieġ tat-tifla tal-attriċi, l-istess xhud spjegat: *"Well I know this because my dad, I rang my dad a day after the wedding, and I said to him: 'How are you dad? What did you do yesterday? And what are you doing today? He said: 'Yesterday I went to Maria' daughter's wedding.' And he said that he had a good time because they set me with them on the table. And I said: 'Why did they do that?' He said: 'Because I paid for her wedding."*[9]

3. Li Lorenzo Vella kien xtara karozza lill-attriċi xehditu wkoll spontanjament **Maria Mercieca,** xhud indipendenti**,** li kienet toqgħod fl-istess triq fejn kien jirrisjedi Lorenzo Vella. Hija qalet: *"Niftakar li darba fis-sajf, ghall-habta ta' l-1990, kont qieghda fuq l-ghatba tad-dar tieghi niehu te. Wenzu hareg mid-dar tieghu u qalli li kellu ittra u xtaqni naqrahielu peress li ma kienx jaf jaqra. Qrajtlu l-ittra - din kienet ittra bl-ingliz mibghuta mit-tfal tiegħu. Dakinhar Wenzu kellimni wkoll dwar l-attriċi. Qalli li kienu ghadhom kif iggieldu u ma riedx izjed affari maghha. Qal li kien ghadu kif taha sebghat elef lira biex tixtri karozza, u xorta wahda ma kenitx turih rispett. Stqarr li kien taha*

[5] Ara Dok.GV 1 anness mal-affidavit tal-Monsinjur Vella, u l-istess affidavit, ippresentati quddiem il-perit legali dottor Giorgina Scicluna Bajada fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2002
[6] Ara affidavit tiegħu a fol. 243 tal-proċess
[7] A fol.244, 245
[8] A fol.275- 276
[9] A fol. 275

*izjed flus qabel biex tirranga d-dar taghha. Niftakru jghid: 'Dik issa taf meta tigi? Meta jiguha l-kontijiet tad-dawl u l-ilma.' Fil-fatt dak iz-zmien l-attrici kienet verament ghadha kif xtrat karozza gdida. Bhas-soltu f'dak iz-zmien l-attrici ghamlet xi jiem ma tidhirx ghand Wenzu u mbaghad wara ftit regghet bdiet tidher ghandu."*[10]

L-istess xhud dan reġgħet ikkonfermatu in kontro-eżami: "*Mistoqsija dwar l-incident li semmejt fl-affidavit tieghi dwar is-sebat elef lira, nispjega li gurnata minnhom Wenzu gie hdejja biex naqralu ittra li kien iceiva minghand bintu. Jiena kont ghedtlu li seta' jaqrahielu huh il-Monsinjur Dun Girgor Vella u ghedtlu wkoll li setghet taqrahielu l-attriċi Mary Vella. Kien dak il-hin li Wenzu qalli li l-attrici ma kinitx ghadha tnur ghandu wara li kien taha sebat'elef lira Maltin (Lm7000) biex xtrat karozza. Jiena kont staqsejtu jekk kienx ghamel karta u hu qalli li ma kienx ghamel. Kien qalli wkoll li lill-attrici kien taha xi flus biex irrangat id-dar. Jiena ghidtlu li kien ghamel hazin jekk ma kienx ghamel karti. Jiena lill-attrici ftit wara kont rajtha b'karozza li dehrili li kienet gdida. Kienet ta' kulur metallic.*"[11]

4. L-attriċi **Mary Vella** stess, minn jeddha, semmiet il-karozza waqt li kienet qed tixhed in kontro-eżami fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni li ppreċeda din il-kawża, meta l-legali tal-konvenut nomine saqsiha jekk qattx irċeviet flus mingħand Lorenzo Vella. Wara li wieġbet li qatt ma rċeviet xejn, lanqas b'self, kompliet tgħid li: "*Kulma ghandi, affarijiet tieghi, dejjem hallast, meta xtrajt il-karozza u xtrajt, hemm xhud, dejjem hallast mill-paga tar-ragel, u hallast bin-nifs.*" Mistoqsija għaliex semmiet il-karozza, l-attriċi wieġbet: "*Qed insemmi l-karozza, ghax jiena qaluli wkoll bil-karozza gdida. Ghalhekk semmejtha l-karozza. Ghax qed tghidli bis-self int.*"[12]

5. Huwa wkoll inverosimili li l-atturi għamlu dawk is-snin kollha li jgħidu li għamlu jduru b'Lorenzo Vella, mingħajr ma qatt ġew ikkumpensati bl-ebda mod u lanqas ippruvaw tal-inqas li jassikuraw li ser jitħallsu tagħhom wara mewtu permezz ta' xi legat. L-attriċi tgħid li darba avviċinaw nutar biex tinkiteb xi ħaġa, imma dan tahom il-parir li jkellmu lil uliedu, u biex ma jidhrux li kellhom wiċċhom tost, baqgħu ma għamlu xejn.[13] Mistoqsija in kontro-eżami jekk qattx tkellmet fuq flus ma' Lorenzo Vella, l-attriċi qalet:

"*Kien jaghmilli 'Mary, jiena nahseb fik, 'il quddiem issa naqbad u nirranga u niktiblek xi haga,' imbaghad qabdu f'daqqa u ma hadt xejn, qabdu, li tghid, jien qatt ma stennejtha li diehel l-isptar u ma johrogx hux, tippretendi, lanqas qatt.*"[14]

[10] Ara affidavit tagħha tat-22.10.2003 ippresentat fis-seduta peritali tal-20.01.2004
[11] Ara kontro-eżami tagħha fis-seduta tad-9.03.2004 quddiem il-perit legali
[12] A fol. 28 - 29 tal-mandat ta' inibizzjoni nru. 271/1996
[13] A fol. 29 - 30 ibid., u kontro-eżami tagħha a fol. 225 - 226
[14] Ara xhieda tagħha a fol. 224

Imma xejn ma tista' titwemmen l-attriċi meta wieħed iqis li, minkejja l-eta' avanzata ta' Lorenzo Vella meta ddaħħal l-isptar (kellu 83 sena),[15] hija baqgħet tittama li dan xi darba għad jiktbilha xi ħaġa b'kumpens għal dak li għamlet miegħu.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, u għar-raġunijiet hawn indikati, l-Qorti hija tal-fehma li l-atturi ġew adegwatament ikkumpensati ta' dak li setgħu għamlu ma' Lorenzo Vella b'dak li ħallashom jew irregalalhom minn żmien għal żmien waqt li kienu qed jiġu resi dawn is-serviġi, u għalhekk ma baqgħax ta' x'hiex l-atturi jistgħu jirreklamaw kumpens ulterjuri.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża, billi filwaqt illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-preskizzjoni tal-konvenuti nomine, bl-ispejjeż relattivi jkunu a karigu tagħhom, tilqa' t-tieni eċċezzjoni tagħhom fis-sens li l-atturi ġew ampjament ikkumpensati għas-servizzi kollha li setgħu rrendew lil Lorenzo Vella, u għalhekk tiċħad it-talbiet attriċi, bil-bqija tal-ispejjeż kontra l-atturi.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

11.04.2017 – Sup241.1996 – Vella Carmelo et vs Rev. Mons. Drun Gregorio Vella noe
2526

[15] Ara xhieda ta' ibnu Carmelo a fol. 266